MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2010

Numru. 102/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**
**John Joseph Cauchi ta' 23 sena, bin Saviour u Mary Carmela nee' Axiak,**
**imwieled Awstralja, nhar is-16 ta' Marzu, 1986,**
**residenti fil-fond numru 81, Triq Hamsin, Xewkija,**
**detentur tal-karta tal-identita'**
**numru 61196(M)**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza kontra 'l fuq imsemmi John Joseph Cauchi li gie akkuzat talli:

a) f'dawn il-Gzejjer nhar is-26 ta' Novembru, 2009 ghal habta tal-hamsa u nofs ta' wara nofsinhar (17:30), f'diversi

toroq gewwa x-Xewkija (Ghawdex) u/jew f'lokalitajiet ohra f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda gab ruhu b'mod li ta fastidju lil Miriam Mifsud b'mod li kien jaf jew messu li kien li dan kien ta' fastidju ghall-istess Miriam Mifsud;

b) ukoll talli nhar is-26 ta' Novembru, 2009 ghal habta tal-hamsa u nofs ta' wara nofsinhar gewwa x-Xewkija, Ghawdex, f'diversi toroq saq, vettura b'manjiera perikoluza, bla kont, traskuragni u negligenti u bi speed eccessiv;

Semghet il-provi;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet lill-imputat minghajr ammissjoni ta' htija jobbliga ruhu li ma jimmolestax lill-parti leza u lill-familja taghha;

Fid-dawl ta' din id-dikjarazzjoni, semghet lill-parti leza tiddikjara li mhux ser tixhed f'dawn il-proceduri;

Rat illi fid-dawl ta' dan il-verbal il-Prosekuzzjoni ma kellhiex aktar provi;

Ikkunsidrat:

Illi x-xhud ewlieni f'dawn il-proceduri kienet Miriam Mifsud li fil-verbal tas-seduta tal-lum iddikjarat illi ma kinitx ser tixhed f'dawn il-proceduri fil-konfront tal-imputat;

Illi jirrizulta illi ma kienx hemm xhieda ohra f'dawn il-proceduri;

Ghaldaqstant fid-dawl ta' nuqqas ta' provi l-Qorti ma tistax hlief tillibera lill-imputat mill-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------